**7 ta' Diċembru 1994**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici, LL.D. - President**
**Onor. Carmel A Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Noel V.Arrigo, LL.D.**

Emmanuel Grech

*versus*

Carmelo sive Charles Farrugia u Joseph Farrugia bħala diretturi u għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà 'Carmelo Farrugia Melfar Limited'.

## Danni - Korriment Personali Fuq Xogħol - Perizja Teknika - Provi Tekniċi Quddiem L-Ewwel Qorti u Quddiem Il-Qorti Ta' L-Appell

*Giet konfermata s-sentenza ta' l-ewwel Qorti li akkordat id-danni lill-attur li kien weġġa' fuq ix-xogħol. Utli il-konsiderazzjonijiet ta' natura teknika. Sinifikativa ukoll il-konsiderazzjoni proċedurali li la darba l-attur ma gabx provi tekniċi, ma interrogax il-Periti u ma għamlitx Nota ta' kritika tar-rapport tekniku, il-Qorti ta' l-Appell kienet neċessarjament marbuta bil-konklużjoni tekniċi ta' l-ewwel Qorti. Li kieku l-attur fl-ewwel istanza gab provi tekniċi, anke*

*jekk dawn ma kinux aċċettati mill-ewwel Qorti, il-qorti ta' l-Appell kienet tkun f'posizzjoni li tivvalutahom u tagħżel.*

L-attur, impjegat mal-kumpanija konvenuta, ġie nkarigat biex jagħmel xi xogħol fuq *'lift'* fil-*Power Station'* ta' l-Enemalta, fil-Marsa. Waqt li kien qed jaħdem, fit-8 ta' Lulju, 1985, il-kabina tal-*'lift'* ipprecipitat bl-attur ġo fiha u bid-daqqa, meta waslet ma' l-art, huwa korra u sofra leżjoni permanenti. Huwa ppreżenta att ta' ċitazzjoni kontra l-kumpanija fl-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ u talab lil dik il-Qorti biex: (a) tiddikjara l-kumpanija konvenuta responsabbli għal-inċident billi dan ġara minħabba n-negliġenza u t-traskuraġni tagħha; (b) tillikwida d-danni li huwa sofra u (c) fl-aħħarnett, tikkundanna lill-kumpanija biex tħallas dawk id-danni lill-attur;

Il-Kumpanija opponiet illi (a) l-inċident ġara tort ta' l-istess attur li, bħal impjegati oħra, ma obdiex l-istruzzjonijiet mogħtija mill-kapijiet tal-kumpanija, u (b) billi l-attur ma kienx liebes il-ħwejjeġ protettivi li suppost jilbes waqt ix-xogħol, huwa aggrava l-ħsara;

Il-Qorti nnominat perit legali u perit tekniku li semgħu l-provi u rrediġew rapport. Gie nnominat ukoll tabib bħala perit mediku;

Fid-29 ta' Ottubru, 1991, ir-rapport tal-periti ġie kkonfermat bil-ġurament, u l-konklużjonijiet fl-istess rapport kienu illi (a) 'il-konvenuti għandhom jiġu tenuti responsabbli' għall-inċident, għaliex 'huma m'għarfux jużaw dik il-prudenza, dik id-diliġenza u dak il-ħsieb ta' bonus *pater familias* li titlob il-liġi' u (b) li l-attur minħabba l-inċident sofra debilatazzjoni permanenti ekwivalenti għal tmienja fil-mija (8%), (c) u li għalhekk id-danni

llikwidati għandhom ikunu ta' tlett elef, disa' mija u erbgħa u disgħin lira (Lm3994);

Fit-23 ta' April, 1992, l-imsemmija Qorti tat is-sentenza, u abbraċċjat in ıoto, mingħajr ebda varjazzjoni, ir-rapport tat-tliet periti, bl-interessi mid-data tas-sentenza u bl-ispejjeż għall-kumpanija;

L-appell tal-kumpanija jikkonsisti f'numru mhux ħażin, ta' konsiderazzjonijiet u argumenti li huma kollha ta' natura teknika. Il-kumpanija, fl-ewwel grad, la interrogat lill-periti, u lanqas ma għamlet kritika tar-rapport. Ir-riżultat huwa li din il-Qorti m'għandhiex il-mezz proċedurali biex tista' verament tikkonsidra dawn l-aggravji;

Żewġ eżempji huma biżżejjed biex jillustraw din l-objezzjoni radikali;

L-ewwel eżempju:-

'Il-perit tekniku bena l-każ kollu fuq iċ-*chain blocks*, bħallikieku, l-attur uża l-metodu korrett - meta dan ma kienx il-każ.

Il-periti aċċettaw il-verżjoni ta' l-attur minkejja d-difetti serji li din il-versjoni tikkontjeni. Inoltre, il-perit tekniku naqas li jagħti apprezzament korrett lill-kwistjoni ta' *safe system of work*, u naqas li jagħti importanza għall-fatt li l-attur kellu *know how* adegwat, dejjem ħadem fil-*lifts*, għamel *apprenticeship* twil mal-*foreman*, u hekk jiġi kkonsiderat tas-sengħa f'dan il-qasam u *senior* fost il-ħaddiema preżenti fuq dak il-lant tax-xogħol';

Il-kumpanija appellanti ma tistax tippretendi li din il-Qorti,

**xjenza proprja**, tista' tiddipartixxi minn dak il-metodu li adotta l-perit tekniku nnominat mill-ewwel Qorti, rigward kif kellhom ikunu u jaħdmu ċ-*chain blocks*. Kien l-obbligu preċiż tagħha li tagħmel **il-provi tekniċi neċessarji** fl-ewwel istanza għaliex meta tagħmilhom, anki jekk dawk il-provi **kuntrarji**, għalkemm saru, ma kinux aċċettati, mill-ewwel Qorti, allura din il-Qorti tkun f'posizzjoni li tipparaguna u tagħżel. Imma hawnhekk ma sarux provi oħra ħlief dawk li hemm fir-rapport u l-Qorti marbuta bihom;

It-tieni eżempju, ta' l-istess tip ta' aggravju:-

'Jekk *chain-blocks* tigi *overloaded*, din tibda terħi bil-mod u mhux tinqata! imbagħad bl-istropp ma tinżilx iżjed. Biex wieħed jifhem aħjar, l-idea hi ta' *soft landing*. Issa, peress li f'dan il-każ iċ-*chain-blocks* ma bdietx terħi bil-mod u l-kabina straħet fuq l-istropp, iżda l-katina taċ-*chain-blocks* inqatgħet għax l-attur u sħabu issaraw magħha u skussawha, l-effett ma kienx ta' *soft-landing*;

Naturalment, dan ir-raġunament jistrieħ fuq konoxxenza teknika li tajjeb u ħażin ġiet stabbilita fl-ewwel grad, u kieku din l-oġġezzjoni nġiebet lill-perit tekniku mir-risposta tiegħu, il-Qorti kienet tkun tista' tasal għall-konklużjoni tagħha, forsi anki kontra l-konklużjoni tal-perit. Imma dak l-interrogatorju ma sarx u l-konklużjoni - prova peritali - tirriżulta teknikament, inkontrastata. Dan huwa aktar u aktar manifest meta l-kumpanija tippretendi li din il-Qorti, sempliċement fuq aggravju ta' din in-natura tasal għall-istess konklużjoni u tikkonkludi li l-katina nqatgħet għaliex - raġuni teknika - *niente di meno* - ġiet issikkata wisq mill-attur u sħabu. Minn dawn l-aggravji kollha, anzi l-Qorti donnha hija indotta biex taħseb illi verament dawk il-ħaddiema, impjegati

mal-kumpanija kienu tant teknikament sprovvisti li bil-kemm ma waslux biex joqtlu lilhom infushom billi jeliminaw kompletament il-freni taċ-*chain-blocks* u jassikuraw ***hard landing*** f'furja suwiċidali. Dan għaliex, skond it-teżi tal-kumpanija, dak li ġara kien dovut għall-fatt li l-attur b'esperjenza ta' ħames snin ta' xogħol simili, flok obda lil Ebejer u Zammit, impjegati oħra tal-kumpanija, qabel u għamel ta' rasu malli dawn ma baqgħux fuq ix-xogħol. L-attur għalhekk, huwa ħati ta' awtolezjoniżmu. Imma din il-Qorti, ma tarax li dan huwa kompatibbli ma' l-insistenza tal-kumpanija fuq kemm kien istruwit fuq u għal dan ix-xogħol l-attur,

'........ u kemm 'l-attur u l-ħaddiema l-oħra kienu qegħdin jifhmuh dwar l-ordnijiet li tahom',

xi wieħed mid-diretturi konvenuti li m'huwiex pero' hawn identifikat - 'u tant kien ċert mill-ħaddiema, inkluż l-attur, li huwa telaq u ma kkontrollax jekk dak li ordna kienx sar - għaliex altrimenti 'jiġri li ma kienx iwarrab minn fuq il-post kieku ma kienx hekk';

Huwa manifest li dan it-tip ta' approċċ tekniku fattwali, ma jistax jiġi serjament ikkontrollat minn din il-Qorti, iżda dak il-kontroll ma sarx fil-konfront tal-perit tekniku fl-ewwel grad.

Dan irid jiġi enfasizzat għaliex il-kumpanija bil-petizzjoni donnha qiegħda tinjora **fatt proċedurali importanti**, u ċjoe' illi - in-Nota ta' kritika tagħha għar-rapport peritali, ġiet ippreżentata fis-7 ta' April, 1992, tant barra minn kull terminu konċess mill-ewwel Qorti - illi l-istess Nota ġiet b'Ordinanza tal-Qorti sfilzata u ma tifformax parti mill-inkartament;

Ġie sottomess mill-appellanti soċjeta' illi (a) l-attur kellu

esperjenza biżżejjed biex ikun jaf x'għandu jagħmel u li jagħmlu sewwa, u (b) kellu jsegwi l-instruzzjonijiet li ngħatawlu;

(a) L-attur ma kellu ebda preparazzjoni vera u proprja tassengħa li fiha kien qed jaħdem. Li tgħallem, tgħallmu blesperjenza biss u li jagħmel jagħmlu 'għax hekk isir' mingħajr ma jkun jaf - anki superfiċjalment 'għaliex isir hekk'. Dan ifisser li s-soċjeta' konvenuta ma setgħetx tistrieħ fuq l-'esperjenza' ta' l-attur biex din tissupplixxi għan-nuqqas ta' persuna kompetenti u kkwalifikata biex tmexxi u tissorvelja x-xogħol. (b) Dan li ntqal jirrispondi ukoll għat-tieni sottomissjoni għaliex, naturalment, jekk kien hemm bżonn 'istruzzjonijiet' allura bl-esperjenza b'kollox l-attur ma, kienx mistenni li jaf jaħdem ix-xogħol li kellu jsir mingħajr istruzzjonijiet. U meta jingħataw istruzzjonijiet, dawn jimplikaw superviżjoni adegwata biex jiġi assikurat li dawk l-istruzzjonijiet qegħdin jiġu segwiti u segwiti sewwa. U difatti, s-soċjeta' konvenuta meta tippretendi li l-attur ikkontribwixxa għad-danni li sofra 'għaliex ma segwiex l-istruzzjonijiet li ngħatawlu', tkun effettivament qed tgħid li lill-attur kienet tippretendi mingħandu mhux li jkun jaf x'għandu jsir, imma li tant jaf li m'għandux bżonn superviżjoni biex jesegwixxi l-istruzzjonijiet li ngħatawlu, liema istruzzjonijiet evidentement kienu jew '*pro memoria*' sempliċi għaliex l-attur diġà jaf dak li jmissu jagħmel, jew kien jimlew vojt fejn l-attur ma kienx jaf kif jew x'għandu jagħmel. U f'dan il-każ kellu allura jiġi sottomess għal direzzjoni u kontroll. Mentri s-soċjeta', mingħadu - anke fit-trattazzjoni orali quddiem din il-Qorti, ippretendiet anki l-kapaċita' li 'jiddeċiedi' x-xogħol tal-ħaddiema li kellu miegħu;

Finalment, l-appellanti soċjeta' m'apprezzatx dak li l-ġurisprudenza stabbiliet fl-interpretazzjoni tal-Kap. 107 rigward ir-responsabbilita' oġġetiva ta' min iħaddem fil-kamp ta' l-

industrija, fl-użu ta' makkinarju, minħabba l-ħtieġa li, sakemm dan huwa possibbli, l-makkinarju għandu jkun imħares b'mod illi ma jirrekax ħsara lil min qed jaħdem fuqu, jew juża dak il-makkinarju mingħajr dik l-attenzjoni u prudenza li wieħed jistenna bħala normalita'. U dan, biex jagħmel tajjeb għal dik l-aljenazzjoni ta' l-attenzjoni prudenza u għaqal, li jsofri ħaddiem industrijali, proprju għaliex dik l-aljenazzjoni tkun fil-maġġoranza tal-każijiet, indotta mill-istess natura ta' l-attivita' industrijali. Huwa biżżejjed f'dan ir-rigward li ssir riferenza għal sentenzi riċenti - dik tal-Qorti tal-Kummerċ tal-11 ta' Lulju, 1989, fl-ismijiet **Agius vs Galea nomine** u dik ta' din il-Qorti tat-26 ta' Frar, 1993, fl-ismijiet **Galea vs Balzan pro et nomine**;

Is-sottomissjoni fuq id-danni li għamlet is-soċjeta' appellanti m'għandha ebda rilevanza għal dan il-kap tas-sentenza appellata. Difatti billi l-attur issa ġie impjegat mal-Forżi Armati ma jnaqqas xejn mill-impatt tal-menomazzjoni permanenti ta' tmienja fil-mija (8%) li huwa jġorr miegħu b'konsegwenza ta' l-inċident in kawża - għaliex huwa manifest li din il-Qorti ma tistax tippreżumi li dik id-disabbilita' infatti mhix tali li ma tippermettix lill-attur li jtejjeb il-posizzjoni tiegħu bħala impjegat, anki minħabba dik id-disabilita'. U dan, naturalment, apparti mill-konsiderazzjoni radikali illi biex ħaġa bħal din tkun rilevanti trid tkun **neċessarjament** marbuta mal-menomazzjoni sofferta b'mod li jidher manifest li dak li ġie stabbilit mill-perit mediku jiġi mir-rejalta' kompletament annullat u mħassar. Li mhux il-każ;

Għaldaqstant l-appell huwa miċħud u s-sentenza appellata hija kkonfermata - bl-ispejjeż kontra l-appellanti.